# It-Tużell

Din il-ġimgħa ġarrabna sfortuna bit-tużell tal-festa, għaliex minkejja li xhur ilu kienu sarulu xi tiswijiet fil-makkinarju, waqt li kien qed jitniżżel, ir-rota tal-ger qabżet minn postha u l-irbit inħall hekk li baqa' nieżel għal fuq it-taraġ tal-Artal. Grazzja kbira minn Alla li ma kien hemm ħadd mill-voluntiera taħtu u ħadd minnhom ma weġġa', ħlief għall-qatgħa kbira li ħadu huma u n-nies li kienu laħqu ġew għall-quddies tad-9.00am. Dritt wara l-inċident inġabar kollox bil-galbu, u mill-ewwel stedinna xi esperti tar-restawr li ġew jarawh u f'dawn il-jiem ġa bdew iħejju rapport tekniku tal-ħsara sabiex jissuġġerulna l-aħjar proċedura għar-restawr. Id-dannu li sarlu mhux żgħir imma mhuwiex gravi daqskemm ħsibna. L-induratura tiegħu għadha fi stat tajjeb ħafna ħlief għal xi partijiet li ġarrbu ċertu ħsara matul iż-żmien. Għalhekk ħafna diġà kienu tal-fehma li kien wasal iż-żmien li jiġi restawrat. Dan it-tużell kien sar fl-1895 minn Calcedonio Bugeja u r-rakmu sar kollu Lyon fi Franza. Tajjeb tkunu tafu li minkejja li d-drapp tal-bellus iċċarrat f'diversi nħawi, ir-rakmu ma sofra l-ebda ħsara. Għalhekk ser ikun neċessarju li jiġi trasportat għal fuq bellus aħmar ġdid, kif kien diġà sar għall-parti ta' taħt il-loppa.



It-tużell hu biċċa mill-armar tal-knisja li fl-antik kien jintrama eżatt fuq l-Artal Maġġur tal-knisja tagħna. Meta skont il-Konċilju Vatikan it-Tieni fis-snin 60 kellu jitneħħa l-Maġġur u nbena l-Artal mejda, it-tużell ma kienx baqa' jintrama, sakemm dan l-aħħar żmien reġa' beda jittella' mhux biss biex ingawdu l-meravilja tal-arti li fih, imma biex anki niskopru l-iskop u s-sens li kellu. **It-tużell bl-isbuħija tiegħu jiġbed l-attenzjoni ta' kulħadd lejn iċ-ċentru tal-knisja, hemm fejn iseħħ il-miraklu ewkaristiku, l-ikbar misteru tal-fidi tagħna**. Bil-kobor u r-rikkezza tiegħu, it-tużell jindika lis-sinjurija tal-Mulej Ġesù li jsaltan minn fuq l-Artal qaddis, li hu bħal tron li minnu qiegħed imexxina lejn il-mergħat ta' dejjem. Barra minn hekk, it-tużell ifakkarna f'żewġ modi ta' kif l-Ispirtu ta' Alla kien jakkumpanja lill-poplu Lhudi fil-mixi tiegħu fid-deżert lejn l-art imwiegħda: **is-sħaba ta' binhar** li ddellel u tħares lill-poplu mill-qilla tax-xemx; u **t-tinda tal-preżenza** li taħtha l-poplu kien jistkenn ma' Alla. Hu għalhekk li fin-naħa ta' taħt fuq ġewwa tat-tużell hemm l-immaġni tal-Ispirtu s-Santu, għaliex bil-qawwa tiegħu, permezz tal-Ewkaristija, aħna llum nistgħu ngħixu ħajjitna taħt il-kenn tal-Għoli: imħarsa mill-perikli tar-ruħ u akkumpanjati fil-mixi tagħna lejn is-sema.

Hu għal dan l-iskop tant għażiż, li jixraq li t-tużell tagħna jerġa' lura għall-isbuħija kollha tiegħu, u fil-jiem tal-festa d-dieħla jerġa' jgħinna niġbru ħarsitna lejn il-veru mexxej ta' qlubna: Ġesù Ewkaristija.

Nirringrazzjaw lil xi benefatturi li b'qalb kbira ġa offrew €250 għar-restawr tat-tużell. 'Il quddiem ninfurmawkom bl-ispiża totali tax-xogħol tar-restawr.

Tajjeb napprezzaw u nirringrazzjaw ukoll lid-diversi voluntiera li qed jgħinu fl-armar tal-knisja tagħna, għad-dedikazzjoni u l-imħabba kbira li għandhom lejn dan il-post għażiż. Ejjew nitolbu għalihom sabiex il-Mulej ikompli jħarishom minn kull ħsara u jagħtihom il-ħeġġa biex ikomplu jkunu ġenerużi magħna.

*Dun Krystof*

**AVVIŻI:**

Nhar **it-Tlieta 16 ta' Lulju,** fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani tan-Nadur ser tiġi ċċelebrata **l-festa tal-Madonna tal-Karmnu**. Il-programm ser ikun hekk: Rużarju fl-4.30pm u Quddiesa fil-5.00pm. Iċ-ċelebrant se jkun Patri Mark Scicluna OFM. Cap. Wara jkun hemm riċeviment. Kulħadd huwa mistieden.

Nhar l-**Erbgħa 17 ta' Lulju** se ssir **laqgħa oħra ta' talb fuq l-ispiritwalità ta' Dun Mikiel Attard** fil-knisja. Il-laqgħa ser titmexxa mill-Kan. D. Reuben Micallef u fiha l-E.T. Mons. Isqof Anton Teuma ser ikellimna fuq l-esperjenza u l-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel. Din il-laqgħa speċjali fl-okkażjoni tal-20 sena mill-mewt tal-Qaddej t'Alla Dun Mikiel Attard tibda fis-6.15pm. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive*.

Id-Djoċesi ser tiċċelebra l-festa ta' Sant'Anna b'Quddiesa fil-miftuħ fid-Dwejra nhar il-Ġimgħa 26 ta' Lulju fis-7.00pm. Dawk in-nanniet u anzjani interessati li jattendu u għandhom bżonn it-trasport, ikellmu lil Lina Mifsud fuq 99260629 **sa mhux aktar tard mill-Erbgħa 24 ta' Lulju**.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am